MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**LAURENCE QUINTANO**

Seduta ta' l-14 ta' Settembru, 2009

Numru. 204/2003

**Il-Pulizija**
**(Spettur Norbert Ciappara)**

**versus**

**Joseph Cutajar**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Joseph Cutajar ta’ 31 sena, mwieled Attard fit-13 ta’ Jannar 1972, iben Joseph u Doris nee` Frendo, detentur tal-karta ta’ identita bin-numru 125472M u residenti ġewwa flat 4, Triq Pietru Xuereb, Pieta`.

1. Akkuzat talli fit-28 ta’ Lulju 2003, kellu fil-pussess tiegħu id-droga eroina speċifikata fl-ewwel skeda ta’ l-Ordinanza dwar il-mediċini perikolużi Kap 101 tal-liġijiet ta’ Malta meta ma kienx fil-pussess ta’ awtorizzazjoni għall-

importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima ta’ l-Ordinanza u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort’ oħra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b’xi mod ieħor bil-liċenzja mill-President ta’ Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas li jipprova li d-droga msemmija ġiet fornuta lilu għall-użu tiegħu skond ir-riċetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regolament 9 tar-regoli ta’ l-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikolużi (G.N. 292/1939) kif sussegwentament emmendati u bi ksur ta’ l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi Kap 101 tal-Liġijiet ta’ Malta liema droga instabet f’tali ċirkustanzi li juru li ma kinitx għall-użu esklussiv tiegħu.

2. ukoll talli fl-istess data, ħin u ċirkustanzi kellu fil-pussess tiegħu il-pjanta Cannabis, kollha jew biċċa minnha, u dan bi ksur ta’ l-artikolu 8(a), tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta’ Malta.

3. talli fit-28 ta’ Ġunju 2003 u ġranet ta’ qabel din id-data, forna jew ipprokura, jew offra li jforni jew jipprokura d-droga eroina

Rat l-atti kollha tal-proċess inklużi iċ-ċertifikat tat-twelid tal-imputat li jġib in-numru 1254 tal-1972, l-ordni tal-Avukat Generali tat-30 ta’ Lulju, 2003, il-fedina penali tal-imputat (fol 4 et), it-tweġiba tal-imputat li mhux ħati (fol 6), il-ħatra tal-ispiżjar Mario Mifsud sabiex jgħamel l-analiżi tas-sustanza esebita, l-istqarrija tal-imputat (fol 21), ir-relazzjoni tal-ispiżjar Mario Mifsud (fol 40) u l-proċess verbal redatt mill-Maġistrat Dr. Miriam Hayman intitolata “Stqarrija ġuramentata ta’ Jonathan Briffa” fl-4 ta’ Awwissu 2003.

Semgħet ix-xhieda bil-ġurament.

Semgħet it-trattazzjoni

Ikkunsidrat

Il-fatti fil-qosor kienu dawn. Saret tfittxija fuq l-imputat u nstab pakkett (Dok NC3) tas-sigaretti li kien fih xi qratas li kien fihom sustanza suspettata eroina. Mid-dar tal-imputat kienu elevati LM2500 u minn-fuq il-persuna tiegħu LM165 u LM58 (ġo jeans). Mill-kamra tas-sodda tal-imputat kienet elevata bicca foil (Dok NC2)

<u>L-istqarrija tal-imputat</u>

Fit-28 ta’ Lulju, 2003 l-impuat kien stqarr li l-flus misjuba fuqu (LM165 + LM58.85 + LM5 = LM228.85) kienu tiegħu. Huwa caħad li l-pakkett tas-sigaretti kien tiegħu. Dwar il-flus li nstabu d-dar, dawn kienu tiegħu u tal-mara (fol 22). Min-naħa l-oħra huwa ammetta li l-foil b’ħaxix aħdar suspettat cannabis kienet tiegħu. Huwa kien sabha xi xahar qabel. Il-Mutur li waqqfu l-Pulizija kien tal-imputat.

PC 733 Joseph Galea xehed li kienu sabu żewġ żgħażagħ jistennew hdejn ix-showroom tal-Opel il-Gżira. Huma kienu arrestaw lill-imputat li kien qed isuq il-mutur. Kiena sabu fuqu żewg mobiles, pakkett tas-sigaretti b’seba’ qratas u pakkett tal-plastic go fih, borża tal-plastic żgħira li kellha trab kannella u flus kontanti li ma kienux f’pakkett wiehed.

PC 1213 Carlos Axisa kkonferma dak li kien xehed PC 733 Joseph Galea. Il-flus kienu mifruxin, biċċa f’but ta’ quddiem u biċċa f’but ta wara.

L-ispiżjar Mario Mifsud ikkonferma bil-ġurament li s-sustanza kienet cannabis waqt li fis-7 qratas kien hemm ammont ta’ 2.074 grammi ta’ eroina. Il-qratas kellhom piż li jvarja minn 0.131 sa 0.226 waqt li borża oħra kellha 0.841 grammi (fol 45).

PC 599 Clive Mangion ikkonferma li l-ħaxix aħdar suspettat ħaxixa instabet f’kamra tas-sodda tat-tfal fuq xkaffa (fol 72).

PS 1086 Johann Micallef ikkonferma l-istess fatt (fol 119).

Xehed ukoll Jonathan Briffa li kien ta ħalef l-istqarrija tiegħu quddiem il-Maġistrat Miriam Hayman. Huwa wera lill-imputat bħala l-persuna li kienet taghha l-eroina dak iż-żmien. Huwa qal li kien ilu jixtri l-eroina minn għand l-imputat għal madwar tliet xhur. Huwa kien iħallas madwar LM10 kull pakkett (fol 108, 109). Huwa kkonferma x-xhieda li kien ta quddiem il-Maġistrat (fol 112).

Fl-istqarrija ġuramentata (fol 99 et), l-imputat kien qal li

(a) l-aħħar li kien uża l-eroina kien is-Sibt ta' qabel it-3 ta' Awwissu 2003. Lill-imputat kien ilu jafu madwar sena jew sentejn

(b) Huwa qal li ġieli kien xtara l-eroina minn għand l-imputat iżda mhux fit-28 ta' Lulju 2003. L-aħħar li kien xtara kien ġimgħatejn qabel.

(c) Huwa kien xtara madwar 4 darbiet minn għand l-imputat.

Xehdet mart l-imputat, Angele Cutajar. Hi qalet li l-imputat kellu problemi tad-droga u saħansitra kienet ħallietu għal xi żmien minħabba f'hekk (fol 123). Hi kienet issib il-flus neqsin. Dawn kienet twarrabhom hi stess – per eżempju, allowance tat-tfal. Il-flus kienu ħaduhomlha u spiċċat b'xejn. Mill-każ 'l hawn baqa' clean.

Fl-aħħarnett xehdet Vicky Scicluna, sappreżentant tas-Sedqa, li qalet li l-imputat kien dejjem żamm l-appuntamenti tiegħu u kien hemm provi li l-imputat ma kienx qed jieħu droga aktar (fol 128).

Konsiderazzjonijiet tal-Qorti

Mill-provi jirriżulta li meta l-imputat twaqqaf mill-Pulizija fit-28 ta' Lulju 2003 huwa kellu fuqu 7 qratas tal-eroina f'ammont ta' 2.074 grammi li kellhom bejn wieħed u ieħor

l-istess piż. Barra dawn is-7 qratas kien hemm qartas ieħor li kien jiżen 0.841 grammi u b'hekk l-espert mahtur mill-Qorti wasal għall-piż indikat. Oltre dan instabu fuqu LM228.25 (€529.425) u dan fi żmien meta l-imputat kien jagħmel ix-xogħol ma' missieru u jieħu r-relief.

Ċirkustanzi bħal dawn – speċjalment id-droga maqsuma fi qratas b'piż identiku barra t-triq – jindikaw b'mod l-aktar ċar li l-imputat kellu d-droga fuqu biex jittraffikaha. Il-qorti ma temminx il-verżjoni tal-imputat li d-droga ma kenitx tiegħu. Id-droga nstabet fuqu u għalhekk kellu l-kontroll fuqha. Dan jammonta ghal pussess skond iż-żewġ liġijiet u Avviżi Legali dwar id-droga.

Għalhekk il-Qorti qed issib lill-imputat ħati tal-ewwel imputazzjoni.

Dwar it-tieni imputazzjoni, il-Qorti qed tiddeċiedi li din kienet ippruvata kemm għax l-imputat ammetta fl-istqarrija kif ukoll ghaliex hekk kien stabbilit mix-xhieda okulari u mill-analiżi forensika.

Għalhekk il-Qorti qed issib lill-imputat ħati tat-tieni imputazzjoni.

Dwar it-tielet imputaqzzjoni, din għandha l-parametri "28 ta' Lulju 2003 u ġranet ta' qabel id-data"

Mix-xhieda ġuramentata ta' Jonathan Briffa jirriżulta li dan ix-xhud kien xtara xi "ġimgħatejn qabel" minn għand l-imputat. L-istqarrija ġuramentata saret fl-4 ta' Awwissu 2003 għalhekk iż-żmien jaqa' fil-perjodu indikat mill-prosekuzzjoni jiġifieri "u ġranet ta' qabel".Għalhekk il-Qorti qed issib lill-imputat ħati tat-tielet imputazzjoni wkoll, liema reat seħħ fi żmien differenti mill-ewwel imputazzjoni u għalhekk ma japplikax l-artiklu 17(h) tal-Kap 9. Il-Qorti m'għandhiex għalfejn tiddubita x-xhieda ta Jonathan Briffa li ratu jixhed fuq il-pedana tax-xhieda u li kkonferma x-xhieda ġuramentata.

<u>Konklużjoni</u>

Il-Qorti, wara li rat l-Artikoli 8(a), 22(1)(a), 22(2)(b)(i)(ii) u 22(1B) tal-Kap 101, kif ukoll it-Taqsimiet 4 u 9 tal-GN 292/1939 u l-Artiklu 17(b) tal-Kap 9 issib lill-imputat ħati tat-tliet imputazzjonijiet dedotti kontrih.

Dwar il-piena l-Qorti qieset il-progress li għamel l-imputat biex ma jibqax jieħu d-droga u li l-aħħar reat tiegħu kien twettaq fit-22 ta’ Ġunju, 1990 (sentenza 29 ta’ Marzu 1993)

Min-naħa l-oħra l-Qorti ma tistax tinjora l-fatt li l-imputat instab barra bl-eroina, bil-qratas lesti u li l-ewwel u t-tielet imputazzjoni ma ġrawx fl-istess żmien.

Għaldaqstant il-Qorti qed tikkundanna lill-imputat għal wieħed u għoxrin xahar priġunerija u għall-ħlas ta’ multa ta €2000 liema multa tista titħallas b’rata ta’ €100 fix-xahar bl-ewwel pagament iseħħ fi żmien 4 ġimgħat mil-lum. Jekk xi pagament ma jitħallasx, dan għandu jinbidel f’jum pripunerija għal kull €11.65 li ma jitħallsux.

Ai termini tal-artiklu 533 tal-Kap 9, il-Qorti qed tikkundanna lill-imputat iħallas is-somma ta’ LM48.86 (€114.33) li iħallsu lill-espert maħtur fil-mori ta’ dawn il-proċeduri.

Il-Qorti qed tordna ukoll li l-flus kollha elevati minn fuq l-imputat (LM228.85 (€533.50)) ikunu konfiskati favur il-Gvern Malti waqt li l-flus elevati mid-dar tal-imputat għandhom jingħataw lura lis-Sinjura Angele Cutajar mart l-imputat u **lilha biss.**

Il-Qorti qed tordna ukoll il-konfiska tal-mobiles li kienu elevati.

Fl-aħħarnett il-Qorti qed tordna d-distruzzjoni tad-droga taht is-sorveljanza tar-Registratur.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------